

Brussell, 14 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0436(COD)

---

---

7164/19  
ADD 1

CODEC 607  
TRANS 167  
SOC 200  
EMPL 154  
MI 228  
COMPET 230  
PREP-BXT 98

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

---

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja**

L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja jappoġġaw l-oġġettiv li tiġi żgurata l-konnettività bażika tat-trasport bit-triq wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea mingħajr ftehim dwar il-ħruġ u jilqgħu l-miżuri temporanji proposti li jippermettu li l-operaturi tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq u tas-servizzi ta' kowċ u xarabank b'liċenzja mir-Renju Unit iġorru prodotti u passiġġieri lejn u mill-Istati Membri tal-UE. Dawn il-miżuri huma meħtieġa biex jipprevjenu tfixkil serju fil-kuntast ta' tali operazzjonijiet immedjatament wara l-ħruġ tar-Renju Unit, speċjalment fir-rigward tal-ordni pubbliku wkoll.

L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja jinsabu mħassba, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni estiż fir-rigward ta' ċertu għadd ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ fit-trasport tal-merkanzija bit-triq mhuwiex konformi mal-linji gwida dwar il-miżuri ta' kontinġenza maqbula mill-Kunsill Ewropew dwar il-kondotta ġenerali tal-UE27, peress li dawn l-operazzjonijiet mhumiex strettament neċessarji biex jiżguraw il-konnettività bażika bejn ir-Renju Unit u l-UE27. It-tħassib tagħna mhux ser jixxejjen bil-fatt li r-Regolament ma jibqax japplika fil-31 ta' Diċembru 2019.

Madankollu, b'kont meħud tat-tħassib ekonomiku ġenerali, l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Italja huma tal-fehma li d-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tar-Renju Unit bil-kondizzjoni tar-reċiproċità huma mod adatt ta' rispons għas-sitwazzjoni unika ta' Stat Membru li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Dan ir-Regolament mhux ser jeskludi aktar negozjati mar-Renju Unit jew pajjiżi terzi oħra u mhux ser jitqies bħala preċedent. Sabiex jiġi żgurat qafas formalment u sostantivament legali mill-1 ta' Jannar 2020 'l hemm, nafferimaw il-konvinzjoni tagħna li l-Istati Membri tal-UE ser ikunu jistgħu jinnegozjaw ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit matul il-perijodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

### **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit (UK):

- Jilqa' l-intenzjoni ta' din il-proposta li ser tgħin biex jiġi żgurat tfixkil minimu għaċ-ċittadini u n-negozji fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha fil-każ ta' xenarju bla ftehim. Hija soluzzjoni prammatika li tgħin biex tingħata ċertezza liċ-ċittadini u n-negozji, u r-Renju Unit lest jagħti aċċess reċiproku lill-operaturi tal-UE kif teħtieġ il-proposta.
- Jiddispaċih li Ġibiltà ma ġietx inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura u jtenni l-intenzjoni tiegħu li, fir-rigward tar-relazzjoni futura mal-UE, huwa ser jinnegozja f'isem il-familja sħiħa tar-Renju Unit, inkluż it-territorji tagħha barra mill-ibħra tar-Renju Unit.

- Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Ministru Spanjol għall-Affarijiet Barranin Borrell lill-Kungress Spanjol f'Ottubru 2018 li huma "ma jridu jikkompikaw il-ħajja ta' ħadd, ma jridux joħolqu diffikultajiet, [u] ma jridux jagħlqu l-fruntiera..." Għandna fiduċja li n-naħat kollha huma impenjati li jqiegħdu fis-seħħ il-miżuri adatti [fil-livelli kollha/fil-fora kollha] biex jitħarsu ċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u jiġi evitat it-tfixkil f'xenarju bla ftehim.
  - Itenni ċ-ċertezza tiegħu mis-sovranità tiegħu fuq Ġibiltà.
-